MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 1340/2002/1

**Maria Rosaria Micallef**

**v.**

**Alfred Micallef**

**Il-Qorti:**

**<u>I. PRELIMINARI</u>**

1. Fl-14 ta’ Awissu 1982, Maria Rosaria Micallef ("attrici"/"appellata") izzewget lil Alfred Micallef ("konvenut"/"appellant") u minn dan iz-zwieg, il-partijiet

kellhom zewgt itfal, Clayton u Joshua, li illum huma t-tnejn maggorenni. Joshua kien ghadu minorenni meta inbdew dawn il-proceduri.

2. Il-konjugi Micallef gew awtorizzati mill-Onorabbli Sekond Awla tal-Qorti Civili sabiex jipprocedu ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet[1] moghti fis-16 ta' Lulju, 2002.

3. Fis-26 ta' Novembru 2002, Maria Rosaria Micallef ipprezentat citazzjoni lil-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fejn sostniet illi l-konvenut zewgha rrenda l-hajja matrimonjali ta' bejniethom imposibbli, stante illi l-istess konvenut Alfred Micallef kien hati ta' adulterju, abbandun, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi fil-konfront ta' martu, u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku tal-konvenut. L-attrici tablet lil dik il-Qorti li:

"1. tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut kif spjegat, u tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn mal-konvenut;

"2. tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-konvenut lill-attrici ghaliha u ghall-minuri Joshua, filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attrici dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqsa direttament mis-salarju tieghu, mill-impieg jew xoghol li huwa ghandu;

"3. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-attrici;

"4. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti *in toto* jew *in parte* tal-artikoli 48 u 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li jitlef kull dritt li jiret mill-attrici;

---

[1] Digriet numru 1228/2002, *vide* process Dok. MM2.

"5. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u tassenja porzjon lill-attrici u porzjon lill-konvenut u tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

"6. tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici l-beni kollha dotali u/jew parafernali li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dana fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-konvenut jaghmel dan, tikkundannah ihallas lill-attrici dik is-somma li ghandha tigi likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parfernali sudetti.

"7. tawtorizza lill-attrici sabiex tghix u tabita fid-dar matrimonjali flimkien mal-minuri Joshua u dana ad eskluzjoni tal-konvenut u tghati kull provvediment xieraq u opportuni ghal dan l-iskop."

4. Il-konvenut, ikkontesta l-allegazzjonijiet u t-talbiet ta' l-attrici b'nota ta' eccezzjonijiet ipprezentata fis-6 ta' Marzu 2003, a fol. 22 sa 26 u b'ohra riveduta, ipprezentata fis-6 ta' Mejju 2003, a fol. 84 - 85 tal-process. Bazikament sostna fihom li l-attrici kienet hatja tat-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg taghhom, u dan billi abbandunat id-dar konjugali ghar-ragunijiet moralment serji bhal ma huma atti ta' lezbjanizmu, adulterju, abbandun, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti ta' l-attrici fil-konfront ta' l-istess zewgha u z-zewg uliedha.

5. Il-konvenut, inoltre, pprezenta kontro-talba fejn talab lill-ewwel Qorti li:

1. Tiddikjara li din il-firda sehhet minhabba ragunijiet legalment u fattwalment fondati u imputabbli unikament lill-attrici;

2. Tiddikjara l-firda legali fic-cirkostanzi bejn il-konjugi Micallef, tigi xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti, u l-attrici

tiddekadi minn dawk id-drittijiet u jeddijiet kollha kif stipulati fl-Artikolu 48 u l-Artikolu 51, iz-zewg artikoli fl-intier taghhom, tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tordna li l-attrici ghandha tirreverti ghal kunjom xbubitha ossia Gauci, kif ukoll li d-dar konjugali li hija propjeta' parafernali tal-konvenut u tinsab sitwata f'numru 36, "La Colomba", fi Triq it-Trunciera t-Twila f'San Gwann, SGN 08, din ghandha tigi assenjata lill-konvenut Alfred Micallef, considerando illi kapricjozament u minghajr l-ebda raguni legalment fondata, sa mill-bidu tas-sena elfejn, l-attrici qabdet u abbandunat id-dar konjugali;

4. Tordna li tigi versata retta alimentari mill-attrici lill-konvenut zewgha u lil iben minuri sa kemm dan jibqa' minuri, minbarra li taghmel tajjeb ghad-danni li l-attrici kkagunat lill-konvenut b'rizultat ta' l-abbandun taghha mid-dar konjugali u anke t-tehid ta' flus, mobbli u mobbilja li kienu jappartjenu mhux biss lill-komunjoni ta' l-akkwisti imma anke parafernalment lill-istess konvenut;

5. Tordna li l-kontendenti konjugi Micallef ghandhom jitilfu d-dritt tas-successjoni naha lil ohra u vici versa minghajr pregudizzju ghad-drittijiet ta' terzi persuni fosthom ulied il-kontendenti, b'dawk il-provedimenti kollha opportuni xierqa u gusti, bhal per ezempju jekk l-attrici taqa' kontumacja fid-dawl ta' dawn il-kontro-talbiet jew in-nomina ta' periti jew kuraturi deputati jew nutar pubbliku skond ic-cirkostanzi li din il-Qorti jidrilha opportun, bl-ispejjez.

6. L-attrici kkontestat din il-kontro-talba ta' zewgha billi rriaffermat li s-separazzjoni grat biss minhabba tortijiet esklussivament imputabbli lill-konvenut u ghalhekk hija ikkontestat it-talbiet imressqa minn zewgha fil-kontro-talba tieghu u rriaffermat it-talbiet taghha kontenuti fl-att tac-citazzjoni.

7. Fis-27 ta' April 2006, il-Qorti Civili Sezzjoni Familja tat is-sentenza taghha fejn ikkunsidrat u ddecidiet hekk:

"Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda principalment titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja ta' s-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut in bazi ghar-ragunijiet kontemplati fl-Artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap.16 imputabbli unikament lill-istess konvenut; kif ukoll ghamlet talbiet konsegwenzjali u sussidjarji ghat-talba principali.

"Il-konvenut minn naha tieghu, filwaqt li jaqbel li z-zwieg tieghu ma' l-attrici tfarrak irremidjabilment, isostni li ghal dan tahti unikament l-attrici meta din abbandunat id-dar konjugali, ikkommettiet adulterju, u hija responsabbli ghall-fatturi indikat fl-Artikolu 40 ta' l-imsemmi Kap. Huwa wkoll eccepixxa prelminarjament in-nullita' tac-citazzjoni stante li kien il-konvenut li kien debitament awtorizzat jistitwixxi proceduri ghas-separazzjoni personali, u mhux l-attrici.

"Illi kif ritenut fil-gurisprudenza, il-ligi tqieghed bhala motivi gustifikanti l-azzjoni ghal separazzjoni personali l-episodji saljenti tal-hajja u mhux incidenti isolati jew ta' importanza minuri. Mill-banda l-ohra sabiex treggi din l-azzjoni huwa bizzejjed li jirrizulta provat wiehed mill-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40, kif ukoll fl-Artikolu 38 u 41 tal-Kap.16.

"Illi dwar l-apprezzament tal-provi jinsab osservat fil-kawza *PA[PS] Marthese Vella vs George Vella – 28.02.2003* kull parti fil-kawza tista' tixhed; izda din il-prova e' da accogliersi colla medesima cautela e circospezione, dipendendo la sua efficacia principalmente dalle deduzione che una sana critica, tenuto conto dell' interesse manifesto del deponente, puo' inferire dalla verosimiglianza del racconto, della corroborazione di quella prova, e sopratutto dal confronto delle disposizione di ciascuno dei contendenti; ma e' pur vero che in casi simili alla fattispecie i fatti su cui puo raggirarsi la deposizione del coniuge instante per la separazione personali dall'altro coniuge, si svolgono generalmente entro il segreto delle pareti domistiche.. *[PA Giovanna Rosa Farrugia vs Salvatore Farrugia – 7.03.1919]*

"Il-Qorti allura trid necessarjament tkun gwidata mill-provi prodotti quddiemha, u taghtihom il-piz li hu normalment mistenni f'sitwazzjonijiet ta' din in-natura. Apprezzament dan oggettiv u fattwali, mizurat mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari.

"Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-partijiet zzewwgu fl-14 ta' Awissu 1982 u minn dan iz-zwieg il-kontendenti ghandhom zewgt it-tfal li llum huma maggjorenni. F' April tas-sena 2001 l-attrici telqet mid-dar konjugali u marret tghix ma' ohtha. It-tfal u zewgha l-konvenut baqghu jghixu fid-dar konjugali.

"L-attrici ssostni li hija ghamlet dan il-pass peress li ma felhitx tghix izjed mal-konvenut li kien juriha disrispett, kien jghajjarha u jheddida u anke isawwatha. Hija tghid li l-konvenut kien jaghmel id-dejn ad insaputa taghha u imbaghad ikollha tidhol ghalih hi biex tevita li johdulhom kollox. Issemmi b' mod partikolari d-dejn li kien ghamel il-konvenut ma' certu George Bartolo, ma' United Appliances Limited u fuq il-vettura Lada.

"Il-konvenut minn naha tieghu jghid li l-attrici kienet aggressiva mieghu u taqla' l-inkwiet il-hin kollu, kif ukoll li kienet bdiet tohorg mal-hbieb kuljum u ddum barra tard filghaxija, u anke biddlet l-istil taghha kif tidher quddiem in-nies b' ilbies skullat u kienet zebghat xaharha b' mod li kienet "qisha xi wahda minn tal-Gzira." Huwa jakkuza lill-attrici b' relazzjonijet extra maritali u sahansitra b' adulterju.

"Illi din il-Qorti wara ezami tal-provi tikkondividi t-tesi accettata miz-zewg partijiet li z-zwieg taghhom tfarrak irremidjabilment, izda dan ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet. Il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenut sevizzi konsistenti f' imgieba egoistika da parti tieghu fil-konfront ta' l-attrici, xehha fil-flus, u komportament li juri nuqqas ta' disrispett lejha, kif ukoll l-atteggjament tieghu li jaghmel id-dejn ad insaputa taghha biex imbaghat ikollha taghmel tajjeb ghalih hi biex tevita l-proceduri gudizzjarji konsengwenzjali. Minn naha l-ohra, mill-provi jirrizulta li l-attrici ma llimitatx ruhha li titlaq mid-dar u tmur tghix band'

ohra, imma addirittura kienet stabbiliet relazzjonijiet ta' hbiberija anke ma rgiel li, ghalkemm ma giex provat l-adulterju stante li dan jirrikjedi provi precizi, gravi u konkludenti, minn naha l-ohra dan il-komportament jikkostitwixxi offiza gravi fil-konfront tal-konvenut zewgha li bid-dritt kollu kellu, u ghad ghandu, d-dritt li jesigi certu komportament dinjituz minn martu.

"Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hi tal-fehma li f' dan il-kaz jikkonfiguraw is-sevizzi fil-konfront tal-konvenut, u l-offizi gravi fil-konfront ta' l-attrici, u t-tnejn huma wgwalment responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg taghhom. Rigward l-imputazzjonijiet reciproci l-ohra, il-Qorti tosserva li dawn ma jirrizultawx sodisfacentment provati.

"Illi rigward il-konsistenza tal-komunjoni ta' l-akkwisti jigi osservat li fl-udjenza tal-3 ta' April 2003 gie verbalizzat li "Dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti l-partijiet jaqblu li kull m' hemm hija d-dar konjugali u parti mill-mobbli tad-dar. Il-konvenut jippretendi li ghandu kreditu ghad-dar li biegh biex inxtrat id-dar matrimonjali."[2]

"Illi bla dubju ta' xejn il-kontestazzjoni principali f'dan ir-rigward hija d-dar konjugali bl-isem "La Colomba" fi Triq it-Trunciera –Twila San Gwann li giet stmata mill-Perit Valerio Schembri fl-ammont ta' Lm85,000. Il-fatti f' dan ir-rigward huma s-segwenti. Illi qabel iz-zwieg, il-konvenut kien xtara dar gewwa St.Henry Street, Sliema bil-prezz ta' Lm1,500 u sussegwentement giet irrangata mill-konjugi Micallef, bl-attrici tikkontribwixxi Lm30 fil-gimgha mill-paga taghha ghal dan l-iskop. Illi permezz ta' kuntratt ta' permuta ppubblikat fis-16 ta' Jannar 1991, il-konvenut ghamel tpartit ma' hutu fis-sens li huwa partat id-dar parafernali tieghu mal-fond "La Colomba" fuq indikat, u fuq il-kuntratt gie dikjarat mill-kontraenti li l-valur separat tal-fondi huwa ta' Lm7,000.

"Il-kontestazzjoni tal-konvenut f' dan ir-rigward hija fis-sens li gjaladarba il-fond "La Colombia" gie permutat bil-fond appartenenti lilll-assi parafernali tieghu, allura dak il-

[2] Fol.67

fond huwa eskluz mill-komunjoni ta’ l-akkwisti. L-attrici minn naha taghha ssostni li mill-ligi, u senjatament mill-Artikolu 1320 tal-Kap.16 johrog car li, ghalkemm huwa riservat lill-konvenut kreditu ta’ Lm7,000 bhala l-valur dikjarat tal-fond ta’ tas-Sliema, l-akkwist tal-fond “La Colombia” jidhol fl-assi tal-komunjoni ta’ l-akkwisti stante li dan jissubentra fit-termini tal-paragrafu [e] ta’ l-Artikolu precitat li jiddisponi li fil-komunjoni ta’ l-akkwisti jidhlu “kull beni akkwistati bi flus jew hwejjeg ohra li wahda mill-partijiet mizzewwgin kellha minn qabel iz-zwieg ….. bla hsara tal-jedd taghha li tiehu lura l-ispejjez li tkun ghamlet ghall-akkwist ta’ dawk il-beni.”

"Il-Qorti tikkondividi t-tesi attrici li d-dar matrimonjali “La Colomba” tappartjeni lill-komunjoni ta’ l-akkwisti, bi dritt ta’ kreditu ta’ Lm7,000 favur il-konvenut rapprezentanti l-valur dikjarat tal-fond ta’ tas-Sliema li serva sabiex gie akkwistat permezz ta’ permuta l-fond in parola. Dan johrog car mill-ligi, u ghalhekk ma hemmx lok ghall-interpretazzjoni.

"Illi rigward il-proprjeta’ mobbli u anke dik parafernali pretiza mill-partijiet il-Qorti tirrileva li tenut kont tad-diversi kontestazzjonijiet in propositu kif ukoll tal-fatt li xi uhud mill-appliances kienu gew sostitwiti waqt iz-zwieg, filwaqt li l-pretensjoni dwar mobbli ohra jew il-valur taghhom ma jirrizzultawx sodisfacentement provati stante kontestazzjoni, il-Qorti hi tal-fehema li sabiex issir gustizzja mal-partijiet l-oggetti kollha, salv ghal dawk hawn taht indikati, ezistenti llum ghandhom jinbieghu mad-dar matrimonjali u dak percepit jinaqsam ugwalment bejn iz-zewg partijiet.

"Illi il-vettura Baleno ghandha tigi assenjata lill-konvenut li pero’ ghandu jhallas id-dejn kollu li hemm fuqha. Kif ukoll l-oggetti indikati fit-tieni paragrafu tad-dokument XX14 a fol.248 tal-process, salv ghas-sitting room furniture, dawn ghandhom jibqghu fil-pussess tal-konvenut. minn naha l-ohra l-konvenut ghandun jirrestitwixxi lill-attrici l-oggetti indikati taht il-partita “items belonging to my ex wife” [dok.XX14 fol.248] hlief ghal “Kitchen Pine Unit”

"Il-kumplament jinbiegh u dak percepit jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

"Illi rigward krediti, il-Qorti tosserva li jezisti favur il-konvenut kreditu ta’ Lm7,000, kif fuq indikat; u kreditu ta’ Lm6,040 favur l-attrici rapprezentanti pagamenti maghmula minnha lil George Bartolo biex jinqata’ d-dejn maghmul mill-konvenut ghan-negozju tieghu u ad insaputa taghha.

"Illi dwar l-eccezzjoni ta’ nullita’ fuq indikat il-Qorti tosserva li dina hija nfondata fit-termini tas-sub inciz [3] ta’ l-Artikolu 37 tal-Kap.16.

"Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar it-talba u l-kontro talba bil-mod li gej:

"[1] tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u li din kienet kagun ta’ tortijiet imputabbli liz-zewg kontendenti ugwalment bejniethom;

"[2] tichad it-talba ghall-manteniment ghal minuri stante li dawn illum huma maggjorenni, u tiddikjara li z-zewg partijiet iddekadew reciprokament mid-dritt tal-manteniment;

"[3] tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet l-effetti ta’ l-Artikoli 48 u 51 tal-Kap.16;

"[4] tiddikjara li l-komunjoni ta’ l-akkwisti tikkonsisti fid-dar matrimonjali “La Colomba” fi Triq it-Trunciera –Twila San Gwann u li din flimkien ma’ l-oggetti mobbli u flus u kontijiet bankarji formanti l-komunjoni ta’ l-akkwisti kif fuq indikat jigu mibjugha permezz ta’ subbasta, jew jekk il-partijiet hekk jifthemu fuq is-suq hieles, fi zmien sentejn; u nofs ir-rikavat jigi assenjat lill-attrici u n-nofs l-iehor lill-konvenut wara li jitnaqqsu minnu l-kreditu tal-konvenut fl-ammont ta’ sebat elef lira Maltin [Lm7,000] u l-kreditu ta’ l-attrici fl-ammont ta’ sitt elef u erbghin lira Maltin [Lm6,040];

"[5] tordna li l-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici l-oggetti indikati taht il-partita “items belonging to my ex wife” [dok.XX14 fol.248] hlief ghal “Kitchen Pine Unit”; filwaqt li tordna li l-oggetti indikati fit-tieni paragrafu, salv ghas-Sitting Room Furniture, jibqghu jinzammu mill-konvenut. Il-kumplament ta’ l-oggett jinbieghu kif fuq ordnat;

"[6] tawtorizza lill-konvenut jibqa’ jabita fid-dar konjugali ma’ ulied il-kontendenti <u>sad-data tal-beigh</u> tal-fond in kwistjoni;

"[7] tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenut rigward in-nullita’ ta’ l-att tac-citazzjoni;

"[8] tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom ta’ xbubitha ai termini ta’ l-Artikolu 62 tal-Kap.16;

"L-ispejjez ghandhom jigu sopportati konguntivament bejn il-partijiet fi kwoti ugwali bejniethom.

## <u>**II. L-APPELL**</u>

8. Il-konvenut Alfred Micallef hassu aggravat minn din is-sentenza u ghaldaqstant appella minnha quddiem din il-Qorti permezz ta’ rikors ta’ appell ipprezentat fis-17 ta’ Mejju, 2006. Il-konvenut appellant ta’ diversi ragunijiet ghal dan l-appell u indika tlett aggravji li ser jissemmew aktar tard f’din is-sentenza.

Ghalhekk, l-appellant, fi kliemu stess, talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tordna u tiddeciedi hekk:

"(a) filwaqt li tikkonferma l-firda legali ta’ bejn il-konjugi kontendenti Micallef, tali firda ghandha tigi unikament attribwita lill-attrici appellata w dana minhabba l-irresponsabilita` taghha fil-qadi ta’ dmirijietha fir-rigward taz-zwieg, tat-tfal, u lejn il-manutenzjoni mill-provi prodotti, u li allura tali zwieg tkisser irrimedjabilment minhabba l-istess attrici appellata.

"(b) li a bazi tal-provi prodotti d-dar konjugali bl-isem “La Colomba”, fi Triq it-Trunciera t-Twila, f’San Gwann, ghandha tigi ddikjarata bhala propjeta` parafernali tal-appellanti u dana peress illi dina giet akkwistata bi tpaccija ma dar ohra propjeta` parafernali ukoll tal-istess appellanti meta gew skambjati djar bejn l-ahwa Micallef, hut l-appellanti, u li ghalhekk l-appellata ma ghandiex effettivament sehem fid-dar konjugali hawn indikata.

"(c) Illi jekk ghall-grazzja tal-argument, dina l-wisq Onorabbli Qorti ta’ l-Appell ma taqbilx legalment mat-tezi tal-appellanti dwar id-dar konjugali fit-talba precedenti, allura sehem l-appellata ghandu jinghata lill-appellanti bhala kumpens talli mantna u ha hsieb l-ulied subien meta ommhom abbandunathom u qatt ma versat ebda kontribuzzjoni ghall-manteniment taghhom u ghall-manutenzjoni tad-dar konjugali li dejjem ghamel il-konvenut appellanti u ghar-ristrutturar li sar biex is-sular t’isfel tad-dar konjugali mill-bieb ta’ barra gew irrangati biex l-iben totalment ipparalizzat ikollu access b’wheelchair u lift specjali li l-appellanti akkwista minn fonti ufficjali bl-assistenza tal-istat malti u ta’ terzi.

"(d) Illi minghajr pregudizzju ghat-talbiet precedenti, id-dar konjugali fl-intier taghha u fic-cirkostanzi ghar-ragunijiet umanitarji ghandha tigi assenjata lill-konvenut appellanti biex dina s-servi ukoll ta’ residenza b’attrezzatura specjali halli takkomoda lill-iben Clayton billi dana ma ghandux lok iehor fejn jista’ jitqieghed konsiderando li huwa kompletament ipparalizzat u fl-inkwadatura tal-fatti li ccirkundaw dana l-kas, u se mai tigi nkorporata t-talba precedenti ma dina t-talba specjali ukoll.

"(e) Illi fic-cirkustanzi allura d-dar konjugali ma ghandiex tinbiegh izda ghandha tibqa` bhala r-residenza tal-konvenut appellanti w dik taz-zewg uliedu subien sakemm dawna jibqghu guvintur, u partikularment biex takkomoda ukoll lill-iben Clayton li huwa kompletament paralizat minghajr tama ta’ rikoverazzjoni ghal stat normali f’persuntu w l-funzjonijiet taghha.

"(f) Illi l-allegat kreditu ta' Lm6,040 favur l-attrici appellata ghandu jigi respint bhala mhux dovut u f'kull kas minhabba d-dekadenza tal-attrici a bazi ta' l-Artikoli 38 u 41 tal-Kodici Civili, li l-ewwel Qorti qablet maghhom imma ma kienitx assertiva u kategorika bizzejjed dwarhom u dana bi pregudizzju ghall-konvenut appellanti.

"(g) Illi jekk ghall-grazzja tal-argument, dina l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ma taqbilx mat-tezi legali tal-appellanti fit-talba precedenti, allura se mai s-Lm6,040 imsemmija fis-sentenza citata f'pagna 10 ghandhom jigu divizi fi tnejn = Lm3,020, konsiderando li dawna sehhew fiz-zwieg u minghajr dubju kienu jiffurmaw parti mill-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi kontendenti.

"(h) Illi fic-cirkustanzi, l-effetti ta' l-artikoli 48 u 51 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom ikunu biss applikabbli ghal u fil-konfront tal-attrici appellata, billi l-konvenut la kkommetta xi adulterju u/jew ma abbanduna d-dar konjugali u/jew lill-uliedu, kif ghamlet arrogantament u sfidantement l-istess attrici appellata.

"(i) Illi del resto, ghandhom jigu kkonfermati d-decizjonijiet tal-ewwel Qorti skond kif jirrizultaw f'pagni 10 u 11 tas-sentenza citata u odjernament appellatata, ghajr safejn issir riferenza ghad-dar konjugali minhabba talbiet appoziti f'dan ir-rigward hawn fuq.

"(j) illi fic-cirkostanzi l-appellanti esponenti ma ghandux ibghati ebda forma ta' spejjez, la gudizzjarji w anqas extra-gudizzjarji li ghandhom jigu a karigu tal-attrici appellata fiz-zewg istanzi."

9. Min-naha taghha, Maria Rosaria Micallef ikkontestat dan l-appell b'risposta, fejn sostniet li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma fl-intier taghha. Fl-istess risposta, u filwaqt li taghmel riferenza ghan-nota ta' osservazzjonijiet taghha, l-appellata taghti ragunijiet 'il ghala, skond hi, l-aggravji msemmija mill-appellant huma ghall-kollox infondati sia fil-fatt u kif ukoll fid-dritt. L-appellata tikkonkludi billi tissottometti li l-appell intavolat mill-konvenut huwa frivolu u vessatorju u intiz biss biex

jipprokrastina l-bejgh tad-dar u b'hekk il-konvenut jakkwista aktar zmien jghix fid-dar a detriment taghha. Ghaldaqstant, l-appellata talbet lil din il-Qorti li tichad l-appell interpost mill-appellant, u li tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata skond kif deciza fis-27 ta' April 2006, u bl-ispejjez taz-zewg istanzi u bl-applikazzjonijiet tal-Artikolu 229(9) tal-Kap. 12 kontra l-konvenut appellant.

10. Din il-Qorti semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri fl-udjenza tal-20 ta' Novembru, 2006. Dakinhar il-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta' ostakolu.

11. Fis-27 ta' Novembru 2006, l-appellant Alfred Micallef ipprezenta rikors li bih talab li jkun awtorizzat jesebixxi diversi dokumenti, stqarrijiet guramentati u ritratti sabiex jenfasizza dak li kien gia` gie sottomess fir-rikors ta' l-appell tieghu. Huwa ghamel riferenza ghall-qaghda fizika ta' ibnu Clayton, li wara incident awtomobilistiku safa paralizzat totalment u li ser jibqa' f'din il-qaghda ghal ghomru kollu. Ir-rikorrent sostna li m'hawn imkien iehor f'Malta u Ghawdex fejn it-tifel ipparalizzat Clayton jista' jghix hajja li hi hajja, hlief fid-dar matrimonjali, billi z-zewg istituzzjonijiet l-ohra, li jistghu jkunu miftuha ghalih, mhumiex adegwati ghall-bzonnijiet tieghu. F'St. Vincent de Paule hemm nies anzjani u guvni ta' tlieta u ghoxrin sena jitkisser fizikament u psikologikament jekk jintbaghat hemm; waqt li l-istituzzjoni l-ohra m'hiex adatta ghalih ghax hu ma jsofrix minn mard mentali. Fl-istess rikors, l-appellant jirreferi ghal bdil strutturali u xogholijiet ohra li kellhom isiru fid-dar konjugali b'eluf ta' liri Maltin li kellhom jintefqu bl-ghajnuna ta' terzi minhabba s-sitwazzjoni fizika ta' Clayton.

12. Fit-22 ta' Dicembru 2006, l-attrici appellata, permezz ta' risposta u ghar-ragunijiet mfissra fiha, opponiet ghall-produzzjoni ta' dawn il-provi godda u talbet li din il-Qorti joghgobha, tichad *in toto* t-talbiet tal-appellant kontenuti fir-rikors tieghu.

13. Fis-seduta tal-Gimgha, 13 ta' April 2007, inghata digriet li fih din il-Qorti ssottolineat li bhala regola generali provi godda m'humiex ammessi fl-istadju ta' appell,

peress li r-revizjoni ta' decizjoni appellata ghandha normalment tigi ezercitata fid-dawl tal-provi li l-Qorti ta' l-ewwel grad kellha quddiemha meta din ippronunzjat id-decizjoni taghha. F'dan id-digriet din il-Qorti kkunsidrat li bil-provi godda l-appellant xtaq isahhah it-talba tieghu kontenuta fir-rikors ta' appell li tirrigwarda id-dar matrimonjali, u fil-kuntest tal-kura intensiva li qieghed jircievi iben il-kontendenti Clayton, kif ukoll tar-riabilitazzjoni tieghu fid-dawl tax-xogholijiet u l-ispejjez konsiderevoli li saru fid-dar matrimonjali, sabiex din tkun tista' takkomoda lil Clayton fil-bzonnijiet specjali tieghu. Dwar dawn il-provi din il-Qorti kienet tal-fehma li hija kellha taghti opportunita` lill-appellant li jressaqhom, billi dawn setghu jkunu utili ghad-deliberazzjoni taghha dwar il-pendenza principali bejn il-kontendenti in kwantu jikkoncernaw id-dar konjugali. Din il-Qorti qablet ma' l-appellata, meta din qalet li parti sostanzjali minn dawn il-provi setghu gew provduti mill-appellant quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad, izda din il-Qorti rriteniet ukoll li kienet tal-fehma li n-nuqqas ta' l-appellant li jressaq dawn il-provi quddiem l-ewwel Qorti, ma kienx jidderiva minn semplici negligenza, traskuragni jew nonkuranza ghar-regoli procedurali, meta wiehed iqis li t-tragedja li sehhet lill-ibnu ma setghetx ma tellfitlux l-attenzjoni shiha tieghu dwar dawn il-proceduri tal-Qorti. Ghalhekk, din il-Qorti, permezz tad-digriet imsemmi, ammettiet il-provi msemmija fir-rikors ta' l-appellant tas-17 ta' Novembru 2006, in kwantu dawn jelaboraw unikament fuq il-kura ta' Clayton, l-istat fiziku ta' sahhtu llum, u li l-bzonnijiet specjali tieghu huma moqdija mid-dar matrimonjali. Madankollu, fl-istess digriet din il-Qorti ssottolineat li (a) ghandha tigi injorata kull opinjoni u kumment zejjed iehor li jinsabu fl-istqarrijiet guramentati in kwistjoni; (b) ghandha tinghata l-opportunita` u fakolta` lill-kontro parti li taghmel kontro-ezamijiet u l-verifiki kollha necessarji dwar dawn il-provi godda mressqa mill-appellant oltre li jinghata d-dritt lill-istess kontro-parti li jekk trid tressaq hi stess provi godda rilevanti biex jirribattu l-imsemmija provi ta' l-appellant, fil-limiti indikati.

14. Fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2007, l-appellata kkontro-ezaminat lil Cornelius Mulvaney u lill-appellant u xehdet

hija stess u dan skond il-fakolta` li nghatatilha bid-digriet fuq imsemmi. Inoltre, f'dik is-seduta, il-Qorti semghet il-finali trattazzjoni ta' l-abili difensuri tal-kontendenti u l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET

15. Dan huwa appell minn sentenza fejn il-Qorti ta' l-ewwel grad kienet iddikjarat is-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti, u li biha dik il-Qorti kienet imputat it-tort ghat-tifrik taz-zwieg liz-zewg kontendenti b'mod ugwali bejniethom. Qabel ma tghaddi biex titratta u tiddeciedi t-tlett aggravji msemmija mill-konvenut appellant, din il-Qorti ghandha tirrimarka li sabiex tasal ghad-decizjoni taghha, hija sejra wkoll tiehu in konsiderazzjoni l-imsemmija provi godda li tressqu fl-istadju ta' l-appell, peress li fil-fehma taghha tali provi huma utili sabiex tkun tista' tasal ghal decizjoni gusta tal-kwistjoni principali involuta f'dan l-appell.

### i) Id-Dar Konjugali: Jekk din tappartjenix lill-assi parafernali ta' l-appellant jew lill-komunjoni ta' l-akkwisti

16. Bl-ewwel aggravju tieghu, l-appellant jilmenta li l-ordni ta' l-ewwel Qorti, li d-dar konjugali "La Colomba" fi Triq it-Trunciera t-Twila, f'San Gwann, ghandha tinbiegh fi zmien sentejn u r-rikavat ghandu jinqasam bejn il-kontendenti kif ordnat fis-sentenza appellata, hija inaccettabbli. Huwa jaghti ragunijiet biex jsostni li d-dar konjugali hija propjeta` parafernali tieghu:

*"Id-dar konjugali kienet giet b'att pubbliku ta' tpacija bejn l-ahwa Micallef fejn propjeta` parafernali tal-konvenut kienet fiz-zwieg giet pacuta ma' residenza li kienu jghixu fiha ahwa ohra Micallef, u ghall-prezz miftiehem ta' tpacija, iz-zewgt idjar gew skambjati, u ghalhekk l-appellanti jargumenta li d-dar konjugali hija propjeta` parfernali tieghu, u ghalhekk l-attrici li f'kull kas abbandunat id-dar konjugali, ma ghandu jmissha xejn mid-dar konjugali."* (fol. 4 tar-rikors ta' l-appell)

Fl-istess rikors jaghti ragunijiet ulterjuri biex, anke fil-kaz li d-dar konjugali titqies li tappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti, l-attrici appellata ghandha tigi dikjarata li tilfet sehemha mid-dar konjugali, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 48 tal-Kap. 16. L-appellant jkompli jghid li l-ewwel Qorti kien imissa hadet in konsiderazzjoni l-fatti kollha tal-kaz, inkluz il-pizijiet li dahal ghalihom hu u konsegwentament id-dar konjugali, fic-cirkostanzi kollha, kellha tigi assenjata lilu biss.

17. Fir-risposta taghha l-attrici appellata kkontestat dan l-aggravju billi rrispondiet ghaz-zewg punti mqajjma fih. Dwar l-ewwel punt hi tghid illi d-dar tappartjeni lill-kommunjoni ta' l-akkwisti skond l-Artikolu 1320 tal Kap. 16 u tghid illi tajjeb qalet l-ewwel Qorti illi fil-kaz in dizamina tant hija cara l-ligi li m'hemmx lok ghal interpretazzjoni. L-appellata imbaghad tkompli l-argument taghha dwar it-tieni punt imqajjem mill-konvenut appellant fl-ewwel aggravju tieghu u tghid li l-Artikolu 48 tal-Kap. 16 ma kienx applikabbli ghax hi ma kenitx hatja la ta' adulterju u lanqas ta' abbandun, apparti ragunijiet ohra.

18. Fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemm strettament l-ebda bazi legali ghall-argument tal-appellant meta dan isostni li d-dar konjugali taghmel parti mill-assi parafernali tieghu. Bhalma sewwa kkonstatat l-ewwel Qorti, l-***Artikolu 1320 (e) tal-Kap. 16***, jghid li fil-komunjoni ta' l-akkwisti jidhlu:

"kull beni akkwistati bi flus jew hwejjeg ohra li wahda mill-partijiet mizzewgin kellha minn qabel iz-zwieg, jew li, wara z-zwieg, missew lilha b'donazzjoni, b'wirt, jew b'titolu iehor, ukoll jekk dawk il-beni jkunu hekk akkwistati f'isem dik il-parti, bla hsara tal-jedd taghha li tiehu lura l-ispejjez li tkun ghamlet ghall-akkwist ta' dawk il-beni."

Il-pretensjoni ta' l-appellant hija fis-sens li peress li waqt iz-zwieg tieghu hu kien partat dar parafernali tieghu mal-fond imsemmi "La Colomba", it-tnejn b'valur dikjarat ta' Lm7,000, id-dar konjugali ghandha taghmel parti minn dawn l-assi parafernali tieghu u ma tidholx fil-komunjoni ta' l-akkwisti. Li kieku qatt ma sar l-imsemmi tpartit u li

kieku d-dar matrimonjali baqghet dejjem fl-imsemmija dar parafernali tieghu, l-appellant kien ikollu ragun. Izda s-sitwazzjoni - mil-lat purament legali - inbidlet radikalment meta sehh l-imsemmi tpartit. Din il-Qorti, sfortunatament ghall-appellant, ma tistax taccetta l-imsemmi argument ta' l-appellant, minhabba li d-disposizzjoni tal-ligi applikabbli hi cara bizzejjed. Kif sewwa kkonkludiet l-ewwel Qorti;

*"Il-Qorti tikkondividi t-tezi attrici li d-dar matrimonjali "La Colomba" tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti, bi dritt ta' kreditu ta' Lm7,000 favur il-konvenut rapprezentanti l-valur dikjarat tal-fond ta' tas-Sliema li serva sabiex gie akkwistat permezz ta' permuta l-fond in parola. Dan johrog car mill-ligi u ghalhekk ma hemmx lok ghall-interpretazzjoni."* (fol. 372)

19. Dwar it-tieni aspett ta' l-ewwel aggravju ta' l-appellant, il-Qorti tinnota li l-ewwel Qorti ma sabitx lill-appellata hatja ta' adulterju u jew ta' abbandun, izda sabet li l-firda sehhet minhabba sevizzi da parti ta' l-appellant u offizi gravi da parti ta' l-attrici, b'mod li t-tnejn gew dikjarati ugwalment responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg taghhom. Din il-Qorti tinnota li minn din id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti ma tressaq ebda appell u ghalhekk difficilment din il-Qorti tista' tara kif jista' jkun applikabbli l-Artikolu 48 tal-Kap. 16. Ghalhekk anke dan it-tieni aspett ta' l-ewwel aggravju ta' l-appellant, ma jistax jintlaqa'.

**<u>X'ghandu jsir mid-dar konjugali</u>**

20. Stabbilit il-fatt li d-dar konjugali msemmija tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, irid jigi issa deciz l-aggravju ta' l-appellant fil-konfront tal-provvediment moghti mill-ewwel Qorti, li cioe` li din id-dar ghandha tinbiegh fi zmien sentejn u r-rikavat ghandu jinqasam bejn il-kontendenti bil-mod indikat fis-sentenza appellata.

21. Jirrizulta assodat kemm mill-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti, kif ukoll mill-provi godda li tressqu fl-istadju ta' l-appell, li l-iben il-kbir tal-kontendenti, li llum ghandu 24 sena, kien involut f'incident tat-traffiku li sehh fis-27 ta' Gunju, 2004. B'rizultat ta' dan l-incident, dan il-guvni kien

kostrett li jtemm l-impjieg promettenti li kellu ma' l-Armata billi hu safa kompletament paralizzat. Id-dizabilita` permanenti tieghu hija maghrufa bhala C4 Tetraplegia li skond ir-rapport mahrug minn Stoke Mandeville Hospital fl-Ingilterra, tikkonsisti *“in the complete paralysis of all four limbs with weakness of his respiratory muscles, altered sensation below his shoulders and loss of voluntary bladder, bowel and sexual function.”* (pagna 2 “Joint Discharge Report” Stoke Mandeville Hospital a fol. 54 ta' l-atti ta' l-Appell). Minhabba din id-dizabilita` tieghu, Clayton jenhtieg kura u assistenza ta' haddiehor erbgha u ghoxrin siegha kuljum, tista' tghid, ghall-qadi tal-bzonnijiet kollha tieghu. Fl-imsemmi "Joint Discharge Report" ta' Stoke Mandeville Hospital, fejn Clayton ghamel diversi xhur rikoverat ghall-kura jinghad hekk:
"This disability has continued to the present time and is anticipated as being permanent. He will remain fully dependent on others for all his care needs and require a powered wheelchair for independent mobility." (pagna 2).

L-istess rapport jissokta josserva (f'pagna 8) li:

"Mr Micallef is a high-level tetraplegic with a considerable physical disability, but one who does have the capacity for verbal independence and control over his life, providing the necessary care and support is available to him. This possibility will require the provison of an appropriate environment, adequate personal assistance, equipment and technology, as well as ensuring optimum physical well-being is maintained.

It is envisaged that Mr Micallef's physical needs will alter during his life span. Developments in the treatment and management of spinal injury may become available that are relevant to him."

Silta ohra mill-istess rapport (ara pagna 10) li din il-Qorti trid ticcita ghax taghti hjiel tad-determinazzjoni ta' Clayton li jimmassimizza l-potenzjal tieghu ghar-riabilitazzjoni u biex ikollu l-ahjar kwalita` ta' hajja, fic-cirkostanzi tad-dizabilita` serja tieghu, hija s-segwenti:

"Mr Micallef has had to make many changes to his lifestyle following his accident. His independnce, ability to do things spontaneously, be alone, employment, and participation in his chosen leisure pursuits have all been curtailed. He is trying to retain control within his situation and engage himself in activities of meaning and purpose to him. He is keen to establish himself in the community and explore opportunities that are possible and practical. He is motivated to try and raise the profile of people in similar circumstances to himself and establish whatever means are possible to promote independence and integration within the community.

"Mr Micallef has a strong desire to return to gainful employment, reduce his preceived burden of care on those around him and contribute both as a taxpayer and valuable member of society. He feels he has skills and talents that could be used. He cannot contemplate a future that restricts him to remaining dependent on others and restricted within 4 walls.

"The significance of equipment and technology and transport on his psychological status cannot be emphasised enough. Provision of environmental control systems and computer technology will permit his interaction and communication with the 'world', whilst a suitable vehicle will allow him to access the community."

22. Jirrizulta wkoll sodisfacentement li d-dar konjugali giet irrangata u attrezzata sabiex tkun tista' takkomoda lil Clayton fil-htigijiet specjali derivanti mill-imsemmija dizabbilita` tieghu. Is-sular ta' isfel gie ristrutturat u t-tarag li hemm quddiem il-bieb ta' barra Clayton jista' jitilghu permezz ta' *platform lift*. Thejja u qed jithaddemm pjan ta' kura u assistenza ghal Clayton u nstabu n-nies professjonali li jiehdu hsieb Clayton ta' kuljum u li jipprovdulu s-servizzi kollha li jkollu bzonn go din id-dar konjugali.

23. Mill-provi issa akkwiziti fil-process din il-Qorti rradikat fiha l-fehma li go din id-dar konjugali Clayton sab il-post fejn huwa jista' jghix b'livell u bi kwalita` ta' hajja li, tenut

kont tac-cirkostanzi u bzonnijiet specjali tieghu, ma jista' jsibhom realistikament fl-ebda mkien jew istituzzjoni ezistenti f'Malta. L-affidavit ta' Clayton, mahluf fil-15 ta' Novembru 2006, huwa elokwenti hafna f'dan ir-rigward.

24. Din il-Qorti jkollha tikkonstata b'dispjacir li t-tragedja li ghadda minnha Clayton ma swiet xejn biex il-kontendenti u wliedhom jippruvaw jersqu xi ftit lejn xulxin; anzi d-dizabbilita` permanenti ta' Clayton donnha aktar beghdet lill-kontendenti minn xulxin. Dan ghaliex l-appellata jidher li prattikament baqghet ghal kollox estraneja ghat-tragedja ta' binha u ghall-piz kbir li zewgha ta' kuljum beda jgorr biex jassisti lil dan l-iben paralizzat. It-tort ta' dan, fil-verita`, mhux kollu taghha ghaliex meta xehedet quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2007, l-appellata stqarret li ftit jiem wara li Clayton kellu l-incident stradali in kwistjoni, hija pprovat tistabilixxi kuntatt ma binha meta kien l-isptar fl-*intensive therapy unit* , izda kemm binha u kemm ukoll zewgha impedewha li taghmel dan il-kuntatt. Fid-dawl dan l-atteggjament irragjonevoli, wiehed ma jehodhiex bi kbira li hija baqghet tinsisti li d-dar konjugali tinbiegh, kif ordnat l-ewwel Qorti, u r-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti. Din il-Qorti tixtieq kieku tahseb li dan l-atteggjament egoistiku gie adoperat mill-appellata ghaliex forsi hija naqset li tapprezza bizzejjed minn x'kien ghadda, u ghadu ghaddej, binha u kemm sar xoghol u kemm intefqu spejjez minn diversi istituzzjoni u persuni filantropici biex id-dar konjugali giet mibdula f'post fejn Clayton jista' jimmassimizza l-potenzjal tieghu ta' riabilitazzjoni. Din il-Qorti hija tal-fehma soda li fl-ipotesi li d-dar tinbiegh, kif ordnat mill-Qorti ta' l-ewwel grad, in-nukleju familjari maghmul mill-appellant u z-zewg uliedu maggorenni jitfarrak u din il-familja tkompli titkisser. Il-kaz odjern jipprezenta <u>cirkostanzi specjalissimi</u> ghax ghalkemm Clayton <u>huwa llum maggorenni pero` il-htigijiet tieghu huma ferm aktar pezanti mill-htigijiet ta' minorenni tipiku</u>. Ghandu jigi mtenni u enfasizzat li dan iben il-kontendenti jsofri minn paralizi permanenti fiz-zewg idejn u saqajn, ikkawzata minn ksur fil-parti ta' l-ghonq fil-kolonna vertabrali. Inoltre jsofri minn nuqqas kbir ta' sensazzjoni u moviment fl-idejn, saqajn u gisem u kif ukoll id-dizabilitajiet l-ohrajn li ssemmew aktar qabel. Fil-fehma

konsiderata ta' din il-Qorti tkun verament tragedja insensata li taqla' lil Clayton mill-ambjent li qieghed jghix fih bhalissa, u fejn, wara l-isforzi kbar li saru, qed jirnexxielu jlahhaq tajjeb mad-dizabbilita` tieghu. Dan ghaliex irrizulta li ma hawn l-ebda post iehor jew istituzzjoni ohra f'Malta fejn huwa jista' jsib l-ambjent xieraq u l-assistenza u l-kura li qed jircievi fid-dar li trabba fiha. Dan jinsab assodat mill-provi li tressqu fl-istadju ta' l-appell u ghalhekk huwa l-kompitu ta' din il-Qorti biex tezamina issa jekk il-ligi taghna taghtihiex s-setgha li tevita tbatija daqshekk kbira lil dan iben il-kontendenti - biex ma tissemmiex ukoll it-tbatija konsegwenzjali li tigi addossata fuq l-appellant u fuq l-iben l-iehor maggorenni - jekk jibqa' fis-sehh il-provvediment li l-Qorti ta' l-ewwel grad tat dwar il-bejgh ta' din id-dar konjugali.

25. L-ewwel principju legali li hu relevanti ghall-kwistjoni li qeghdha tigi ezaminata huwa precizament dak li f'kawza ta' separazzjoni, il-Qorti nghatat s-setgha li tiddetermina min mill-konjugi jisthoqlu li jkompli jabita esklussivament fid-dar konjugali. Biex il-Qorti tezercita din is-setgha taghha jrid ikun hemm talba ghal dan l-iskop minn xi wahda mill-kontendenti jew minnhom it-tnejn. Il-ligi ma tistabilixxi l-ebda kriterji dwar kif din is-setgha ghandha tigi ezercitata. Jitnissel ghalhekk id-dover tal-Qorti li tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u tasal ghal decizjoni gusta u ragjonevoli, fid-dawl tar-rispettivi drittijiet u obbligi tal-konjugi in kwistjoni u fl-ahjar interess ta' wliedhom. L-Artikolu 55A tal-Kodici Civili jesebixxi *inter alia* hekk:
"**55A.** (1) Meta taghti s-sentenza tal-firda, il-qorti ghandha, fuq it-talba ta' xi wahda mill-partijiet, tiddeciedi skond ic-cirkostanzi jekk xi parti minnhom ghandhiex toqghod fid-dar taz-zwieg."

Kwalunkwe provvediment li l-Qorti tista' taghti f'dan is-sens ma jistax jitqies finali ghaliex it-tieni subartikolu ta' l-istess Artikolu 55A jipprovdi hekk:
"(2) Il-Qorti tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet f'kull zmien, tibdel dik id-decizjoni jekk ikun hemm tibdil sostanzjali fic-cirkostanzi."

26. Apparti l-imsemmija setgha, il-Kodici Civili jaghti lill-Qorti, f'kawza ta' separazzjoni, setgha ohra importanti cioe` dik inkorporata fl-Artikolu 55. Dan l-artikolu fl-ewwel lok jistabilixxi *inter alia* d-dover tal-Qorti li tordna t-tmiem u l-gheluq tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Fit-tieni lok jistabilixxi wkoll is-setgha tal-Qorti li tordna li xi beni partikolari mill-komunjoni ma jinqasamx ghal xi zmien u b'hekk l-istess beni jibqa' possedut in komun bejn il-konjugi minkejja l-firda personali li tkun giet ordnata mill-Qorti u minkejja li l-komunjoni ta' l-akkwisti tkun giet likwidata fis-sentenza tal-firda. Dan l-istess subartikolu ma jindikax il-kriterji ta' kif il-Qorti ghandha tezercita tali setgha u diskrezzjoni u ghalhekk dak li ntqal fil-paragrafu precedenti dwar dan l-aspett japplika wkoll hawnhekk. Fit-tielet lok l-istess artikolu jistabilixxi li meta l-Qorti taghti ordni bhal din, tali ordni tkun tista' tigi revokata jew mibdula. Ghall-kompletezza, dan l-artikolu sejjer jigi citat shih:

"**55.** (1) Meta taghti s-sentenza tal-firda, il-Qorti ghandha tordna li l-komunjoni ta' l-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispicca mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konkluziva.

(2) Il-Qorti tista' izda, meta fil-fehma tagha c-cirkostanzi hekk jehtiegu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jghaddi dak iz-zmien wara li tispicca l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabilixxi.

(3) Kull ordni moghti mill-qorti skond is-subartikolu (2), jista', ghal raguni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."

27. Principju legali iehor separat li jirregola l-ligi tal-familja huwa enkapsulat fl-Artikolu 3B tal-Kodici Civili li hu tant car li ma jenhtieg l-ebda spjegazzjoni jew interpretazzjoni:

"**3B** Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jindukraw lill-ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied."

Dan l-obbligi tal-genituri <u>normalment</u> jispiccaw meta l-ulied jsiru maggorenni, ghax fil-maggoranza kbira tal-kaz l-ulied issa jkunu jistghu jahsbu huma stess ghall-bzonnijiet

taghhom u jfendu ghal rashom. Madankollu, ghandu jigi enfasizzat li l-ligi ma tipprovdix li l-obbligi msemmja imposti fuq il- genituri a favur l-ulied jispiccaw awtomatikament bis-semplici fatt li l-ulied ikunu saru ta' l-eta`. Invece, dan l-obbligu jibqa' fis-sehh ghal dak iz-zmien kollu li l-ulied ikunu fil-bzonn minghajr ebda htija taghhom u indipendentement mir-rieda taghhom nonostante li jkunu saru maggorenni (ara f'dan is-sens, fost sentenzi ohra, dawk pronunzjati mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1960, u 28 ta' Ottubru 1960, fl-ismijiet rispettivi **Carmela Bugeja v. Felecita Bugeja et** u **Professur Tabib Joseph Galea noe v. William Spalding**). Dawn is-sentenzi kienu jikkoncernaw l-obbligu tal-genituri li jfornu alimenti lill-uliedhom maggorenni fic-cirkostanzi spjegati fihom. Irid jinghad li fil-kuncett tal-manteniment ma jidhlux biss l-ikel u l-ilbies u l-ispejjez ghall-kura medika u medicinali izda wkoll il-provista ta' l-abitazzjoni. Dan hu specifikatament indikat fl-Artikolu 19 li jghid hekk fl-ewwel subartikolu tieghu:
"Fil-manteniment jidhlu l-ikel, l-ilbies, is-sahha u l-abitazzjoni." (enfasi tal-Qorti)

Jizdied jinghad li l-principju li l-genituri huma obbligati li jiehdu hsieb u jmantnu lill-uliedhom huwa ribdati fl-ewwel subartikolu ta' l-Artikolu 7 tal-Kodici Civili li jirreferi wkoll ghall-immsemmi Artikolu 3B ta' l-istess Kodici. Il-fatt li l-imsemmija disposizzjoni (cioe` l-Artikolu 7) jinsab fis-Sub-titolu II ta' l-Ewwel Ktieb u cioe` dak intestat "Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet bejn Axxendenti, Dixxindenti u Ahwa" ikompli jindika bic-car li l-obbligi msemmija tal-genituri ma jispiccawx awtomatikament bil-fatt li l-ulied ikunu saru ta' l-eta`.

28. Principju iehor ben not fil-ligi tal-familja huwa li l-genituri huma obbligati li jagixxu dejjem fl-ahjar interess ta' wliedhom. Huwa dejjem obbligu tal-Qorti li fil-provvedimenti li taghti tipprova tikseb ghall-ulied - sew jekk minuri u sew jekk maggorenni izda fil-bzonn u fis-sens fuq spjegat - dak li jkun ta' l-aqwa utilita` u ta' vantagg ghall-istess ulied. L-Artikolu 47 u 56 ta' l-istess Kodici jaccennaw ghal dan l-obbligu tal-Qorti - sija pure fil-

kuncett tal-kura u kustodja - li l-konsiderazzjoni ewlenija tal-Qorti ghandha tkun il-gid ta' l-ulied.

29. Ghal kompletezza, il-Qorti sejra taccenna ghall-principju legali iehor li jinsab fl-Artikolu 9 ta' l-imsemmi Kodici Civili:
"Parti fiz-zwieg ma tistax ma taghtix l-appogg morali taghha lill-parti l-ohra fit-twettiq ta' kull obbligu li dik il-parti l-ohra jkollha lejn id-dixxendenti jew l-axxendenti taghha."

Dan l-artikolu hu car u ma jinhtiegx l-ebda spjegazzjoni.

30. Applikati l-imsemmija principji legali ghall-kaz odjern, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni, wara li hasbet hafna fuq dan il-kaz li jipprezenta <u>cirkostanazi verament specjali,</u> li tkun haga wisq ingusta li din il-Qorti tikkonferma l-provvediment moghti mill-ewwel Qorti, cioe` dak li d-dar konjugali tinbiegh fi zmien sentejn. Minflok, din il-Qorti hija tal-fehma soda li d-dar konjugali ghandha tkompli tintuza bhala d-dar ta' l-abitazzjoni tan-nukliju familjari maghmul mill-appellant u minn ulied il-kontendenti. Diversament din il-familja tkompli tisfaxxa, bi pregudizzju u tbatija kbira partikolarment ghall-aktar membru dghajjef ta' din il-familja, cioe` Clayton, li minghajr l-uzu ta' din id-dar jintefa' certament f'bahar ta' inkwiet. Din il-Qorti thoss l-obbligu u d-dover li tevitalu dan, ladarba l-ligi taghtiha s-setgha li taghmel hekk.

31. Dan ma jfissirx li din il-Qorti ma hijiex sensittiva ghat-tbatija ta' l-appellata derivanti mill-fatt li jigi rikonoxxut lilha t-titolu ghall-proprjeta` ta' l-imsemmija dar konjugali, izda li, ghal zmien konsiderevoli, prattikament tigi mcahhda milli tezercita d-drittijiet taghha fuq l-istess proprjeta`. Din il-Qorti hasbet hafna fuq is-sitwazzjoni specjali ta' dan il-kaz vertament pjetuz u fuq kif hija tista' ssib xi forma ta' bilanc adegwat bejn ir-rispettivi drittijiet tal-kontendenti. Dan qed jinghad ukoll minhabba l-fatt li hareg mix-xiehda ta' l-appellata li nghatat fl-udjenza fil-21 ta' Mejju 2007, u cioe` li hija m'ghadhiex toqghod fid-dar ta' ohtha u qeghda tghix f'appartament San Pawl il-Bahar, b'kera ta' Lm90 fix-xahar meta l-introjtu taghha bhala *machine operator* hu ta' Lm280 fix-xahar.

32. Il-Qorti tapprezza li anke l-Qorti ta' l-ewwel grad jidher li xtaqet li ssib certu bilanc bejn ir-rispettivi drittijiet tal-kontendenti meta hija pprovdiet, fis-sentenza appellata, li l-konvenut jibqa' jabita fid-dar konjugali ma' wlied il-kontendenti matul it-terminu ta' sentejn li hija ffissat ghall-bejgh tad-dar matrimonjali. Anke waqt it-trattazzjoni orali, l-abili difensuri ta' l-appellata ssuggerew li din il-Qorti, se mai, taddotta provvediment simili. Madanakollu din il-Qorti, kif diga` stqarret, ma jidhrilhiex li tista' tilqa' dan is-suggeriment ghaliex mhux biss ic-cirkostanzi specjali tal-kaz mhumiex prevedibbli li jinbidlu f'xi smien qasir determinat izda wkoll ghaliex il-mezzi finanzjarji disponibbli ghal din il-familja, u l-bzonnijiet specjali ta' Clayton, huma dak li huma. Fi kliem iehor, tali suggeriment semplicement jixhet il-problema lura b'sentejn, b'dana pero` li kull gurnata li tghaddi zzid il-pressjoni - diga` abbastanza kbira - fuq l-appellant u wliedu.

33. L-uniku u l-ahjar rimedju realistiku li din il-Qorti f'dawn ic-cirkostanzi tista' tidentifika huwa li, matul il-perijodu kollu li l-appellant jibqa' jabita fid-dar konjugali, dekoribbli mil-lum, l-appellata jkollha jakkumula favur taghha kreditu kalkolabbli bir-rata (fissata *arbitrio boni viri*) ghal kull xahar li l-appellant u/jew uliedu jibqghu jghammru fl-istess dar, <u>u dan sakemm ic-cirkostanzi msemmija refiribilment ghal Clayton jipperduraw</u>. F'dan is-sens, il-Qorti sejra tipprevali fid-dispositiv ta' dan il-gudikat.

34. Dan ifisser li l-aggravju ta' l-appellant, taht l-aspett imsemmi, qieghed jintlaqa'. Ghalhekk nonostante li d-dar konjugali tappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti, u nonostante li l-istess komunjoni sfat likwidata, madanakollu, din il-Qorti qeghda tirrevoka l-imsemmi provvediment moghti mill-ewwel Qorti u invece qeghda tilqa' dik il-parti tat-tielet talba tal-kontro-talba ta' l-appellant (ara fol. 39) li biha talab li d-dar konjugali hemm imsemmija tigi assenjata esklussivament lilu - u dan l-istat ghandu jibqa' biss sakemm ic-cirkostanzi li kkonstatat din il-Qorti dwar l-istat ta' sahha ta' Clayton ma jinbidlux

sostanzjalment, kif ukoll bil-modalitajiet indikati fid-dispositiv ta' dan il-gudikat.

**ii) It-tieni aggravju**

35. Bit-tieni aggravju l-konvenut appellant sostna li l-attrici ghandha tikkompensah ghas-snin fejn hija ma kkontribuwit xejn ghall-manteniment ta' uliedha meta dawna kienu ghadhom minuri, u lanqas ikkontribwiet ghall-akkwist u l-manutenzjoni tad-dar konjugali, peress li dawn il-pizijiet kollha gew sopportati biss minnu. Huwa jilmenta li waqt li hu kien qieghed jissapportja l-familja, l-attrici abbandunat id-dar konjugali biex tghix hajjitha, abbandunat lill-uliedha waqt li hu ha hsiebhom, u issa qeghda tippretendi li hija ghandha xi sehem mid-dar konjugali u li hija intitolata ghal dan is-sehem, meta skond l-appellant dan mhux il-kaz. (fol. 6 ta' l-Appell)

36. L-attrici rrispondiet ghal dan l-aggravju billi qalet li l-argument tal-konvenut huwa kuncett bla bazi legali peress li bejn il-kontendenti kienet tezisti l-komunjoni ta' l-akkwisti u ghalhekk *"karus wiehed u but wiehed"*. L-attrici appellata targumenta ukoll li l-appellant zewgha lanqas fattwalment ma ghandu ragun, u dan ghaliex hi mhux talli kkontribwiet lejn il-familja u l-komunjoni talli ukoll kienet hallset id-dejn li kien ghamel il-konvenut kappriccjozament u ad insaputa taghha. L-appellata sostniet li hi dejjem rat kif ghamlet biex tahdem u tohloq ix-xoghol biex tippreserva l-komunjoni tal-akkwisti. Hija ziedet tghid illi dwar dan il-punt u skond l-aspett purament legali, talba bhal din ta' kumpens ma tikkonfigurax fic-citazzjoni u lanqas fil-kontro-talba u ghalhekk ma tistax tifhem kif issa qed issir tali talba permezz ta' appell.

37. L-ewwel Onorabbli Qorti kienet cara meta applikat l-effetti tal-Artikoli 48 u 51 tal-Kap. 16 filwaqt li stabbiliet li z-zewg partijiet iddekadew reciprokament mid-dritt tal-manteniment. Inoltre, l-appellant ma pprovda ebda prova li fil-fehma ta' din il-Qorti turi bic-car illi l-appellata *"ma kkontribuwit xejn lejn il-manteniment meta dawna kienu ghadhom minuri, u lanqas ghall-akkwist u l-manutenzjoni tad-dar..."* (fol.6). Ghalhekk, peress li jidher li d-decizjoni

ta' l-Ewwel Qorti, dwar dan il-punt, kienet gusta, din il-Qorti ma tistax taccetta dan it-tieni ilment u ghaldaqstant dan l-aggravju tal-konvenut appellant ma hu gustifikat. Billi d-dizabbilita` permanenti ta' Clayton sehhet meta l-kawza odjerna kienet fi stadju avvanzat hafna, certament din il-Qorti ma tistax tipprovdi ebda manteniment ghal Clayton ghaliex mhux biss dan l-aspett ma giex kontemplat mill-kontendenti izda wkoll ghaliex li kieku kellha taghmel hekk, tkun qed tipprovdi *extra* u *ultra petita*.

**<u>iii) It-tielet aggravju</u>**

38. L-ahhar aggravju mressaq mill-appellant jirrigwarda l-ispejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji, li l-appellant jghid li m'ghandux ibati peress li, skond kif jissottometti hu, iz-zwieg tfarrak b'tort unikament attribwibbli lill-attrici appellata

39. Din il-Qorti ma tarax li ghanda ghalfejn tidhol fid-dettal dwar ir-ragunijiet il-ghala z-zwieg tal-kontendenti tfarrak b'mod irrimedjabbli. Dwar dan jidher li kien hemm diversi fatturi li gew ikkunsidrati mill-ewwel Qorti, li kienet sostanzjalment gusta fid-decizjoni taghha meta qalet li *"f'dan il-kaz jikkonfiguraw is-sevizzi fil-konfront tal-konvenut, u l-offizi gravi fil-konfront ta' l-attrici, u t-tnejn huma ugwalment responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg taghom."* (fol. 372). Ghaldaqstant, din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet moghtija mill-Ewwel Qorti u hija tal-fehma li z-zewg partijiet kkontribwew ghat-tkissir taz-zwieg taghhom. Ghalhekk dan l-aggravju qieghed ukoll jigi michud.

40. Jidher gust li jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjez li jikkoncernaw dan l-appell ghaliex mhux biss l-appellant safa tellief min-naha u rebbieh min-naha l-ohra, izda wkoll peress li l-appellant ressaq f'dan l-istadju provi godda, izda rilevanti, li kien ikun ferm ahjar li kieku dawn tressqu quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad. Ghalhekk ghandu jigi applikat il-*proviso* ta' l-Artikolu 208(1)(d) tal-Kap. 12. B'hekk anke l-ispejjez ta' l-appell ghandhom jithallsu bin-nofs.

41. Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell odjern hekk:

Tilqa' in parte, u fis-sens premess biss, l-appell ta' l-appellant u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata:
(i) billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn gie ordnat il-bejgh tad-dar matrimonjali "La Colomba", fi Triq it-Trunciera t-Twila, San Gwann - flimkien ma' l-oggetti mobbli fiha - permezz ta' subbasta, jew jekk il-partijiet hekk jiftehmu fuq is-suq hieles, fi zmien sentejn, u nofs ir-rikavat jigi assenjat lill-attrici u n-nofs l-iehor lill-konvenut wara li jitnaqqsu minnu l-kreditu tal-konvenut fl-ammont ta' sebat elef lira Maltin (Lm7,000) u l-kreditu ta' l-attrici fl-ammont ta' sitt elef u erbghin lira Maltin (Lm6,040);

(ii) tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn awtorizzat lill-konvenut jibqa' jabita fid-dar konjugali ma' wlied il-kontendenti sad-data tal-bejgh tal-fond in kwistjoni;

(iii) u minflok tordna, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 55A(1) tal-Kodici Civili, li fl-istess dar matrimonjali ghandu jirrisjedi l-appellant Alfred Micallef, flimkien maz-zewg uliedu maggorenni Clayton u Joshua, u dan b'eskluzjoni ta' l-appellata, ghaz-zmien biss li matulu jibqghu jipperduraw ic-cirkostanzi specjali li ssemmew fil-korp ta' din is-sentenza fir-rigward ta' Clayton; jibqa' riservat id-dritt lill-appellata li titlob li dan il-provvediment li qeghda taghti l-Qorti dwar din id-dar konjugali jithassar f'kull zmien jekk ikun hemm tibdil sostanzjali fic-cirkostanzi stabbiliti fil-korp ta' din is-sentenza referibilment ghas-sitwazzjoni ta' Clayton;

iv) tordna, b'applikazzjoni tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 55 ta' l-istess Kodici Civili, li l-imsemmija dar matrimonjali tibqa' proprjeta` komuni bejn il-kontendenti u li din ma tinqasamx ghaz-zmien kollu li matulu jipperduraw ic-cirkostanzi specjali li jissemmew dwar Clayton fil-korp ta' din is-sentenza; wara li jghaddi z-zmien fuq imsemmi, u f'nuqqas ta' qbil bejn il-kontendenti dan ghandu jigi determinat f'gudizzju separat, id-dar matrimonjali fuq imsemmija ghandha tinbiegh b'subbasta (jew fis-suq

hieles, jekk il-partijiet hekk jiftehmu); ir-rikavat ta' l-istess bejgh ghandu jinqasam hekk:

A: Nofsu ghandu jigi assenjat lill-konvenut wara li jitnaqqsu (a) il-kreditu ta' l-attrici fl-ammont ta' sitt elef u erbghin lira Maltin (Lm6,040), u (b) il-kreditu ta' l-attrici imsemmi fil-para. 33 supra, kalkolabbli kif hemm indikat, u cioe` bir-rata ta' Lm50 (hamsin lira Maltin) ghal kull xahar li l-appellant u/jew uliedu msemmija jibqghu jabitaw fl-imsemmija dar matrimonjali kif jinghad fl-istess para. 33;

B. In-nofs l-iehor tar-rikavat tal-bejgh jigi assenjat lill-attrici wara li jitnaqqsu minnu l-kreditu tal-konvenut fl-ammont ta' Lm7,000 (sebat elef lira Maltin);

v) fl-ahharnett tikkonferma l-provvedimenti l-ohra kollha kontenuti fid-dispositiv tas-sentenza appellata.

42. L-ispejjez konnessi mal-proceduri quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti; dawk konnessi mar-rikors ta' l-appellant tas-27 ta' Dicembru 2006, jibqghu kollha a karigu ta' l-istess appellant, waqt li dawk konnessi mal-kumplament ta' dan l-appell ghandhom jithallsu bejn il-partijiet fi kwoti ugwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------